KUNSILL LOKALI
GĦASRI

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 24**

Il-Ġimgħa, 20 ta' Frar 2026

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 20A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

## 24.1 Talba

24.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 24.2 Ittri ta' Apoloġija

24.2.1 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba bagħat ittra ta' apoloġija peress li ma jistax jattendi għal-laqgħa skedata llum peress li jinsab indispost.

## 24.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

24.3.1 Il-Minuti tal-laqgħa pubblika numru 22 u tal-laqgħa numru 23 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 24.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

24.4.1 *Email* mingħand *Transport Malta* (Ivan Pierre Vella) datata 18 ta' Frar 2026, minħabba r-rotta tal-linja bin-numru 308 u 309. Is-Segretarju Eżekuttiv kien infurmat li x'aktarx li din il-laqgħa hija sabiex ir-rotta tal-Għasri tingħaqad ma taż-Żebbuġ. Il-kunsilliera ma qablux li tali tingħaqad ma' taż-Żebbuġ. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li l-aħjar li ssir il-laqgħa sabiex ikollu aktar informazzjoni, l-istess informazzjoni tiġi mgħoddija lilhom sabiex tali tiġi diskussa aktar fid-dettal f'laqgħa sussegwenti.

24.4.2 *Email* mingħand Elizabeth Ebejer datata 12 ta' Frar 2026, sabiex issir laqgħa mas-Sindku u mas-Segretarju Eżekuttiv rigward il-librerija.

24.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li llum fetħet l-iskema minn Pjazza għal Pjazza però d-dettalji għadhom ma ntbagħtux.

24.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li għandha tintbagħat *email* mingħand Project Green rigward skema.

## 24.5 Tweġibiet għall-Mistoqsija tal-Kunsilliera

23.5.1 Ma kienx hemm domandi.

## 24.6 *Proposal China-Malta CSEP MOU;*

24.6.1 Is-Sindku informa li huwa ġie kkuntattjat minn Jason Zhang li għandu NGO u għalhekk qallu biex jibgħat *Email*. Tali *email* intbagħtet fl-11 ta' Frar 2026 bi proposta ta' *Memorandum of Understanding*. Il-kunsilliera qablu ma tali u li għandu jiġi vverifikat aktar x'inhu propost.

**24.7** ***Telephone Box* – Pjazza s-Salvatur*;***

24.7.1 Residenta rrimarkat li t-*Telephone Box* li tinsab fi Pjazza s-Salvatur ma fadlilhiex użu hekk kif inhi u għalhekk ipproponiet li tiġi konvertita f'*book donation cabin* fejn persuna tista' tħalli l-kotba li ma għandhiex bżonn u tieħu minn dawk li hemm. Il-kunsilliera qalu li hija proposta tajba iżda għandha tiġi vverifikata l-proċedura u x'permessi hemm bżonn sabiex tali tkun tista' tiġi kkonvertita' f'*book donation cabin*.

**24.8** **Attività Karnival 2026 *follow up*;**

24.8.1 Il-kunsilliera infurmaw li l-attivita' tal-Karnival kienet ta' suċċess u kien hemm konkorrenza tajba, kemm mill-ġenituri u kemm mit-tfal.

**24.9** **Polza ta' Assigurazzjoni**

24.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa rċieva żewġ *emails* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li jirrigwardaw il-*Group Personal Accident* u l-Flus. Huwa nforma lill-kunsilliera li l-Kunsill għandu l-polza ġenerali l-SEM u li nbagħtet korrispondenza mal-kumpanija tal-assigurazzjoni sabiex tingħata kwotazzjoni sabiex sew il-*Group Personal Accident* u l-Flus ikunu nklużi fl-SEM. Huwa saqsa wkoll jekk f'tali polza, l-SEM jistgħux jiġu nklużi wkoll l-attivitajiet li jsiru matul is-sena, sabiex mhux kull talba ssir estensjoni tal-imsemmija polza tal-assigurazzjoni. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi vverifikat mal-kumpanija tal-assigurazzjoni jekk tali jistgħux jiġu nklużi fil-polza tal-SEM u jekk huwiex vijabbli li tali jkunu nklużi.

**24.10** ***Evalutation Report – GSR/01/2025 – Tender for the Professional Services of an Architect*;**

24.10.1 Ġie ċċirkolat l-*evaluation report* relatat mat-*tender* bin-numru GSR/01/2025 – *Tender for the Professional Services of an Architect*. Il-Kunsilliera qablu mar-rapport u għalhekk ġie approvat.

Is-Sindku rrimarka li hekk kif jiġi approvat għandha ssir laqgħa miegħu ħalli jiġu diskussi xi proġetti li ilhom ppjanati pero' għal xi raġuni jew oħra baqgħu ma sarux, fosthom il-Pjazza, Triq Wied l-Għasri etc.

**24.11** **Materji Oħra**

24.11.1 Il-kunsillier Salvatore Felice Pace informa li hemm talba minn Reġjun Għawdex sabiex jaraw jekk irridux nieħdu sehem fis-sena tal-Gastronomija. Is-Segretarju Eżekuttiv informhom li ser jiċċekkja dwarha.

24.11.2 Il-kunsillier Salvatore Felice Pace rrimarka li avviċinah xi ħadd

minħabba t-triq li tagħti għall-Fanal. Is-Sindku rrimarka li huwa wkoll kellmu xi ħadd dwarha. Irrimarka wkoll li tali xogħolijiet qed isiru mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u għalhekk għandha ssir korrispondenza magħhom sabiex tali tkun tista' titranġa. Il-kunsilliera qablu wkoll li fil-każ isir ftit *patching* sabiex jiġu evitati nċidenti.

24.11.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-perit ħejja l-pjanti relatati mat-*Traffic Management* relatat ma Triq Salvu Gambin. Il-kunsilliera qablu ma tali pjanti u għandhom jiġu mgħoddija lil *Transport Malta.*

24.11.4 Is-Sindku saqsa rigward Triq Wied Sara. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li LA's għadhom ma darux għal fuq il-kuntrattur.

24.11.5 Il-kunsillier Emanuel Mintoff irrimarka li Triq il-Kanun għadha ma tranġatx min-naħa tal-kuntrattur peress li fil-laqgħa kien ġie deċiż li l-kunsill għandu jara jkunx hemm xi skema applikabbli, sabiex tkun tista' titranġa tali triq rurali.

**24.12 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

24.12.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-21 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**24.13 Tmiem il-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss**

24.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7:45 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Marzu 2026 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar il-Ġimgħa 20 ta' Marzu 2026.

| | |
|---|---|
| **Dr. Daniel Attard** | **Silvio Xerri** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |